MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Numru 907/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**vs**

**ANTHONY SIVE TWANNY DEGIORGIO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Anthony sive Twanny Degiorgio ta’ 41 sena, bin il-mejtin Emanuel u Maria Lourdes nee’ Ciantar, imwieled l-Isla fl-10 ta’ Dicembru, 1967, li joqghod fil-font numru: Nru. 46, Triq San Frangisk, L-Isla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 0036368(M).

Billi gie akkuzat talli fi Triq il-Vitorja, gewwa l-Isla, nhar is-26 ta' Marzu, 2009, ghall-habta tal-12.15 ta' wara nofsinhar, minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' Raymond Borg minn Hat-Attard f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, kif iccertifikat minn Dr. Attard Biancardi M.D. it-tabib ta' l-Emergenza ta' l-Isptar Materi Dei, liema ferita iggiblu mankament jew sfreggju fi drieghu x-xellugija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JB3 u nnutat li l-imputat Anthony sive Twanny Degiorgio m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li fil-kaz odjern jissusisti element ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile Raymond Borg fil-konfront tal-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony sive Twanny Degiorgio, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza

u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li fil-kaz odjern jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile Raymond Borg fil-konfront tal-imputat tillibera lill-istess imputat Anthony sive Twanny Degiorgio taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Anthony sive Twanny Degiorgio b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Euro (Euro 500) li jzomm il-kwiet ma' Raymond Borg ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony sive Twanny Degiorgio l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------